Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

N°: 52/17

**AVVIŻI**

**24 ta' Diċembru 2017**

Il-ġabra tal-lum hija l-ġabra speċjali għall-bżonnijiet tal-Knisja u l-parroċċa. Grazzi tal-ġenerożità.

---------------------------------

Taħt is-siġra tal-Milied fil-Knisja hemm qfief biex fihom jinġabru affarijiet tal-ikel għall-familji fil-bżonn tal-parroċċa. Naqsmu l-ġid li Alla pprovdielna ma' ħutna.

*Illum* il-Ħadd 24 ta' Diċembru fl-10.30pm tiftaħ il-knisja biex fil-11pm tibda l-Velja li sa tkun immexxija mit-tfal tal-parroċċa u f'nofsillejl Quddiesa tal-Milied.

Il-Quddies fil-25 ta' Diċembru jkun bħal tal-Ħadd.

Nhar il-Ħamis 28 u l-Ġimgħa 29 ta' Diċembru sa jsiru festin u ħarġa għat-tfal. Dawk li jixtiequ jattendu għal xi waħda minn dawn l-attivitajiet għandhom jinkitbu fis-sagristija. Għall-festin tintalab biss donazzjoni.

Nhar is-Sibt 30 ta' Diċembru fit-8am isir il-funeral ta' Paul Vella fil-Knisja.

Dakinhar fl-10am sa nżuru lil Mons. Arċisqof. Dawk li jixtiequ jingħaqdu mal-grupp li jirrappreżenta lill-parroċċa jikkuntattjaw lill-kappillan.

Nhar il-Ħadd 31 ta' Diċembru fis-6.15pm issir quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla għas-sena 2017.

Nirringrazzjaw lil kull min b'xi mod wassal l-awguri tiegħu lill-komunità tal-patrijiet u lil dawk kollha li għinu fit-tiżjin tal-knisja. Nawguraw lil kulħadd Milied qaddis.